# Il-pubblikazzjoni ta’ avviżi uffiċjali

## Fuq liema sit(i) web jiġu ppubblikati l-avviżi uffiċjali?

https://www.justiz.gv.at/

https://www.ediktsdatei.justiz.gv.at/

## Liema tipi ta’ avviżi huma ppubblikati?

It-tipi ta’ avviżi li ġejjin jiġu ppubblikati fis-sit http://www.justiz.gv.at/:

Rapporti

Perizji

Opinjonijiet

Evalwazzjonijiet

Ċirkulari

Linji gwida

Testi għal konsultazzjoni

Statuti

Statistika

Manwali

Avviżi ta’ postijiet vakanti

Pubblikazzjoni tal-ħatriet.

L-avviżi li ġejjin jiġu ppubblikati fis-sit http://www.edikte.justiz.gv.at/ (*Ediktsdatei* – "Fajl tal-editt”):

Każijiet ta' insolvenza (fallimenti, riorganizzazzjonijiet, saldi ta' djun)

Bejgħ u lokazzjonijiet fi proċedimenti ta' insolvenza

Subbasti ordnati mill-qorti

Proprjetà

Beni mobbli

Riċevitura ġudizzjarja

Irkanti volontarji

Editti u avviżi fi proċedimenti kriminali

Avviżi mill-qrati kriminali

Proċedura ta’ rkupru kriminali

Notifiki ta’ konsenja fi proċedimenti kriminali

Terminazzjoni tal-investigazzjonijiet

Avviżi pubbliċi

Amministraturi maħtura mill-qorti u notifiki permezz ta’ avviż pubbliku

Kanċellazzjoni ta' titoli

Ċertifikati tal-mewt/prova ta’ kawża tal-mewt

Editti fi proċedimenti tas-suċċessjoni

Editti skont l-Att dwar il-Kustodja u s-Sekwestru (*Verwahrungs- und Einziehungsgesetz*)

Rappreżentanza tar-residenti skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar id-Djar tal-Kura (*Heimaufenthaltsgesetz*)

L-ombudsmen tal-pazjenti skont l-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Ospitalizzazzjoni (*Unterbringungsgesetz*)

Notifika b'avviż pubbliku lil persuni ġuridiċi

Notifika b'avviż pubbliku mill-Qrati Kummerċjali (*Firmenbuchgerichte*)

Avviżi mill-Qrati Kummerċjali

Editti mill-Qrati tar-Reġistru tal-artijiet (*Grundbuchsgerichte*)

Deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Prattiki Restrittivi (*Kartellgericht*)

Pubblikazzjonijiet tal-Ġustizzja Awstrijaka (*Kundmachungen der Justiz*)

Pubblikazzjonijiet mill-kumpaniji.

## Minn liema organizzazzjoni(jiet) jiġu ppubblikati l-avviżi uffiċjali?

Mill-Ministeru Federali għall-Ġustizzja (*Bundesministerium für Justiz*).

Mill-qrati, il-prosekuturi pubbliċi, l-avukati u n-nutara.

## L-aċċess għall-avviżi uffiċjali hu bla ħlas?

Iva.

## X’tipi ta’ tiftixiet jistgħu jsiru?

Il-paġna ewlenija tal-Ministeru tal-Ġustizzja (http://www.justiz.gv.at/) toffri tiftixa sempliċi bil-kliem li tiċċekkja d-dokumenti kollha fis-sit.

Il-kategoriji kollha fis-sit *Ediktsdatei* (http://www.edikte.justiz.gv.at/) joffru l-għażla ta' tiftixa bil-kliem. Barra minn hekk, għal bosta kategoriji ta' avviżi, l-utenti jistgħu jfittxu skont in-numru tal-fajl. Għall-irkantijiet hemm ukoll tiftixa skont l-oġġett. Dawn huma biss xi eżempji tat-tipi ta' tiftix peress li hemm varjetà tant kbira ta' għażliet tat-tiftix fil-kategoriji differenti.

## Minn liema data se jkunu disponibbli l-avviżi uffiċjali fil-format elettroniku?

Is-sit tal-Ministeru tal-Ġustizzja (http://www.justiz.gv.at/) u s-sit *Ediktsdatei* (http://www.edikte.justiz.gv.at/) ilhom onlajn mill-2000.

## It-tiftixiet jistgħu jiġu ssejvjati u jistgħu jintbagħtu notifiki meta jintlaħqu l-kriterji?

Le.

## L-avviżi uffiċjali huma disponibbli bla ħlas bħala *data* miftuħa? Jekk dan hu l-każ, fejn jistgħu jinstabu r-repożitorju u/jew l-informazzjoni?

L-avviżi fis-sit *Ediktsdatei* huma disponibbli liberament u jistgħu jiġu pproċessati sussegwentement bħala fajls HTML (ma hemm l-ebda protezzjoni mill-ikkupjar). Tista' tinkiseb ukoll liċenzja skont l-Att dwar l-Użu mill-Ġdid ta' Informazzjoni Pubblika (*Informationsweiterverwendungsgesetz* – IWG). Bħalissa d-*data* mhix disponibbli f'format ta' *data* miftuħa.
Il-pubblikazzjonijiet f'http://www.justiz.gv.at/ huma predominantement relatati ma' dokumenti eżistenti f'format PDF. Hemm xi dokumenti MS Word, imma dawn rari. Kollha kemm huma huma ppubblikati bħala parti mid-WCMS (Web Content Management System) u huma disponibbli liberament f'paġni HTML. Id-dokumenti jistgħu jitniżżlu bħala annessi mill-paġni HTML.

L-aħħar aġġornament: 30/12/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.